MALTA

# BORD LI JIRREGOLA L-KERA

## MAGISTRAT DR.

## MONICA VELLA

Seduta tat-23 ta' Lulju, 2015

Rikors Numru. 38/2015

**Plaza Centres p.l.c. (C564)**

**vs**

**Candynavia Limited (C60481)**

Il-Bord:

Ra r-rikors promutur li jghid hekk;

1. Permezz ta’ kuntratt ta’ kera datat 21 ta’ Gunju, 2013, Plaza Centres plc kriet hanut fis-sular ‘0’ tal-Plaza Shopping Centre lil Candynavia Limited. Kopja ta’ dan il-kuntratt qed tigi hawn annessa u mmarkata Dokument ‘PC1’.

2. Is-socjeta’ intimata ilha diversi drabi taqa’ lura fil-hlas tal-kera u ta’ ammonti ohra dovuti skond il-kuntratt ta’ kera bhal common area building and maintenance costs, ilma u elettriku. Is-socjeta’ rikorrenti baghtet sitt ittri, tramite l-avukati taghha, lil Candynavia Limited sabiex thallas il-pendenzi kollha dovuti minn zmien ghal zmien. Kopji ta’ dawn l-ittri huma hawn annessi u mmarkati Dokumenti ‘PC2’ – ‘PC7’

3. Intbghatet ukoll ittra ufficjali ai termini ta’ l-artikolu 166A tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta’ Malta (Dokument ‘PC4’), li ma kinitx opposta. Sussegwentement, is-socjeta’ rikorrenti talbet il-hrug ta’ mandat ta’ sekwestru ezekuttiv kontra Candynavia Limited izda sad-data ta’ dan ir-rikors ma kien hemm l-ebda depozitu.

4. Sa llum is-socjeta’ Candynavia Limited ghadha ma hallsitx il-pendenzi minnha dovuti.

5. L-inadempjenza tas-socjeta intimata fir-rigward tal-hlas tal-pendenzi dovuti lis-socjeta’ rikorrenti naxxenti mill-kuntratt ta’ kera jikkostitwixxu ksur tal-klawsoli 3.01, 5.04 u 7.05 tal-kuntratt ta’ kera in kwistjoni.

6. Sad-data tal-prezentata ta' dan ir-rikors, l-ammont dovut minnghand is-socjeta' intimata huwa ta' €29,647.29 (disgha u ghoxrin elf sitt mija sebgha u erbghin Ewro u disgha u ghoxrin centezmu) u dan skond statement of account hawn anness u mmarkat Dokument 'PC 8'.

7. Ai termini ta' l-artikolu 11.02 tal-kuntratt ta' kera in kwistjoni, is-socjeta' rikorrenti ghandha d-dritt tittermina l-kirja jekk is-socjeta' intimata, fost affarijiet ohra, tonqos milli thallas il-kera u pendenzi ohra (l-artikolu 11.01(b)).

8. Fil-fehma tas-socjeta' rikorrenti, u skond safejn taf hi, Candynavia Limited m'ghandhiex difiza xi tressaq ghal dawn it-talbiet.

9. Ghaldaqstant, abbazi tas-suespost, is-socjeta' rikorrenti titlob bir-rispett lil dan il-Bord sabiex joghgbu:

   a. Jilqa' t-talba sabiex dan ir-rikors jigi trattat bi procedura sommarja u minghajr ma jghaddi ghas-smiegh tal-kawza a tenur ta' l-artikolu 16A tal-Kap. 69 tal-Ligijiet ta' Malta;

   b. Jiddikjara li l-kirja bejn Plaza Centres p.l.c u Candynavia Limited hija mitmuma;

   c. Jordna lil Candynavia Limited titkecca u tizgombra mill-fond in kwistjoni fi zmien qasir u perentorju;

d. Jiddikjara li s-socjeta' intimata hija debitrici tal-Plaza Centres plc fis-somma ta' €29,647.29 (disgha u ghoxrin elf sitt mija sebgha u erbghin Ewro u disgha u ghoxrin centezmu) rapprezentanti kera u common area and building maintenance costs, ilma u elettriku;

e. Jordna lis-socjeta' intimata thallas is-somma ta' €29,647.29 (disgha u ghoxrin elf sitt mija sebgha u erbghin Ewro u disgha u ghoxrin centezmu) rapprezentanti kera u common area and building maintenance costs, ilma u elettriku.

Bl-ispejjez, inkluzi dawk tal-mandati fl-ismijiet premessi kif ukoll bl-interessi sad-data tal-pagament effettiv kontra Candynavia Limited li hija minn issa ngunta ghas-subizzjoni.

Ra illi s-socjeta' intimata debitament notifikata baqghet ma dehritx biex tikkontesta t-talbiet tar-rikorrenti;

Ra illi t-talba tas-socjeta' rikorrenti hija segwita b'dikjarazzjoni guramentata tal-fatti tas-socjeta' rikorrenti liema fatti huma minnha maghrufa kompriz id-dikjarazzjoni illi s-socjeta' intimata ma ghandha l-ebda opposizzjoni x'tista' taghmel skont il-ligi;

Ra l-atti kollha tar-rikors;

Sema' lir-rapprezentant tas-socjeta' rikorrenti jikkonferma bil-gurament li sal-lum is-sitwazzjoni ghadha ma nbidlitx minn dakinhar li giet prezentata l-kawza odjerna;

Peress illi jimmerita illi t-talbiet tas-socjeta' rikorrenti jkunu milqugha bid-dispensa tas-smiegh fit-termini tal-artikolu 16A tal-Kap 69 tal-ligijiet ta' Malta;

Il-Bord qieghed jilqa’ t-talbiet kollha tas-socjeta’ rikorrenti u ghal fini ta’ zgumbrament qed jipprefigi zmien xahrejn mil-lum.

L-ispejjez ghandhom ikunu sopportati mis-socjeta’ intimata.

## < Sentenza Finali >

---------------------------------TMIEM---------------------------------